# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 26 ta’ April, 2002.**

**Kawza Numru: 27**

**Citaz. Nru. 1252/93GV**

Doc. 176-01

**Antoine Salomone, Anna mart Anthony Galea u l-istess Anthony Galea bhala amministratur tal-beni paraternali ta’ Martu Anna Galea, Jeremy Salamone, Vanessa Salamone, Maria Dolores D'Agata u Renato Ellul**

**Vs**

**John Azzopardi u b’digriet tal-24 ta’ April, 2002 stante l-mewt ta’ John Azzopardi l-atti gew trasfuzi f’isem l-eredi tieghu Dr. Joseph, Carmelo u John ahwa Azzopardi; Maria Dolores mart Paul Abela u l-istess Paul Abela bhala amministratur tal-beni parafernali ta’ martu Maria Dolores Abela, it-Tabib Dottor Joseph Azzopardi, Carmelo Azzopardi, John Azzopardi, Anthony Azzopardi, Vincenza mart Carmelo Casha u l-istess Carmelo Casha bhala amministratur tal-beni parafernali ta’ martu Vincenza Casha, nthony Attard, Alosia sive Luigia mart George Murrey u l-istess George Murrey ghal kull interess li jista jkollu, Josephine sive’ Jessie mart John Peters u l-istess John Peters ghal kull interess li jista’ jkollu, Emanuel Vella, Joseph Vella, Carmela Stivala, Albert Vella,**

**Maria mart Carmelo Meli w l-istess Carmelo Meli bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu Maria Meli, u Josephine sive' Jessie Buttigieg, u b'digriet tas-7 ta' Ottubru, 1994, Paul Abela ma baqax fil-kawza stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza u stante l-mewt ta' Anthony Azzopardi l-atti gew legittimati f'isem Carmela Azzopardi**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi ossia' Antoine Salomone, Anna mart Anthony Galea, Jeremy Salomone, Vanessa Salomone, Maria Dolores D'Agata, u Renato Ellul huma l-propjetarji ta' l-ghalqa maghrufa "Tal-Kubrit", fil-kontrada tal-Mile End, Hamrun;

Premess illi l-konvenuti qed jokkupaw din l-istess ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi:

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw l-ghalqa mgharufa "tal-Kubrit", fil-kontrada tal-*Mile End*, Hamrun minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

2. Tikkundana lill-konvenuti jizgombraw mill-istess ghalqa fi zmien qasir u perentorju prefiss ghal dan l-iskop minn dina l-Qorti:

Bl-ispejjez, kontra l-istess konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Azzopardi, Maria Dolores armla ta' Paul Abela, it-Tabib Dottor Joseph Azzopardi, Carmelo Azzopardi, u John Azzopardi a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

1. Illi Paul Abela u Anthony Azzopardi huma mejtin u ma jistghux joqghodu fil-kawza;

2. In-nuqqas ta' l-integrita tal-gudizzju minhabba dan il-fatt;

3. Il-preskrizzjoni trentennali ghat-tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16;

4. In-nuqqas ta' titolu tal-atturi tal-proprjeta' in kwistjoni.

Rat id-digriet a fol. 16 li bih gew legittimati l-atti;

Rat in-nota a fol. 73;

Rat l-atti tal-kawza "Vella vs Aquilina" Citaz. Numru 686/60;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partjiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw l-ghalqa maghrufa bhala "tal-Kubrit" fil-kontrada tal-Mile End, Hamrun

minghajr ebda titolu validu fil-ligi; tikkundannahom jizgumbraw mill-istess ghalqa fi zmien qasir u perentorju ghal dan l-iskop minn dina l-Qorti.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew in-nuqqas ta’ integrita’ ta’ gudizzju billi Paul Abela u Anthony Azzopardi huma mejtin u ma jistghux joqghodu fil-kawza; (l-atti gew legittimati b’digriet a fol. 16);

il-preskrizzjoni trentennali a tenur ta’ l-artikolu 2143 tal-Kap 16;

in-nuqqas ta’ titolu ta’ l-atturi tal-proprjeta’ in kwistjoni.

**PROVI**

**Joseph Busutill** xehed li hu kien jamministra xi assi pendenti mill-eredita’ ta’ Paolo Ellul u fosthom kien hemm l-art maghrufa bhala “Tal Kubrit”. Hu esebixxa l-arblu tar-razza tal-familja ta’ Paolo Ellul Dok A a fol. 25; il-provvenjenza ta’ l-art minn meta giet trasferita lill Paolo Ellul Dok B a fol. 26; pjanta ta’ l-art u kif din tqassmet matul is-snin (Dok C a fol. 27) u *site plan* ta’ l-art Dok D a fol. 28.

L-ghalqa hija proprjeta’ ta’ l-eredi ta’ Paolo Ellul. Dan miet fil-1921 u saret id-denunzja tieghu (ara Dok A a fol. 35). L-eredita’ tieghu baqghet vakanti sal-1951 u fil-frattemp l-Avukat Tomaso Fenech kien gie appuntat mill-Qorti bhala kuratur biex jamministra l-proprejta’. Kien sar kuntratt fil-1984 fejn John Azzopardi u ohrajn kienu bieghu bicca art lill Alfred Attard. Fil-kuntratt Azzopardi bhala dritt ghal proprjeta’ ghamel referenza ghal sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-7 ta’ Gunju, 1965.

Skond l-atturi dina l-kawza kienet infondata u bazata fuq fatti zbaljati u huma ma kienux parti fiha.

L-ghalqa ma deheritx fil-katast tal-1945 u lanqas f'tas-sena l955 fuq xi hadd mill-familja Azzopardi.

Fil-1945 kienet intbaghtet ittra ufficjali lill Carmelo Scicluna li kien qed jokkupa l-art li kienet tinkludi dina l-ghalqa minghajr titolu. Dak iz-zmien l-ghalqa ma kienitx okkupata mill-familja Azzopardi (Dok C a fol. 39) imma minn Scicluna.

Fil-1959 il-Gvern ha parti mill-ghalqa u kien sar hlas mill-Kummissarju lill eredi ta' Paolo Ellul u mhux ta' Azzopardi Dok D a fol. 42.

Fil-1976 l-eredi ta' Paolo Ellul bieghu bicca art ohra minn dina l-ghalqa u sar hlas lilhom u l-att gie insinwat.

Fl-1 ta' April. 1935 kienet saret ittra ufficjali lil Carmelo Scicluna biex ihallas cens arretrat fuq l-ghalqa tal-Kubrit.

Meta rega' xehed Busutill hu qal li Mile End Sports Ground kien ta' Antonio Attard u Raffaele Borg u mhux ta' Carmelo Scicluna. Hu esebixxa pjanta Dok F a fol. 393 fejn jidhru l-konfini ta' *Mile End Ground* f'konfront ma' l-art in kwistjoni u jidher li hemm bicca art tissepara l-*ground* mill-art in kwistjoni. Hu jsostni li l-*ground* qatt ma seta' kien parti mill-art li l-konvenuti jallegaw li kienet fil-pussess taghhom. L-art li tmiss mal-*ground* giet esproprijata mill-Gvern u kumpens ghaliha thallas lill eredi ta' Paolo Ellul u mhux lill Azzopardi. B'riferenza ghad Dok H u I a fol. 395/6 hu qal li l-konvenji hemm imsemmija baqghu ma gewx segwiti b'kuntratt mill-konvenuti.

Minn naha l-ohra **Dr. Joseph Azzopardi** xehed li l-familja tieghu kienu bieghu parti minn dina l-ghalqa pero' ma jiftakarx meta. Hu ghandu 63 sena u dejjem jiftakarha f'idejn il-familja taghhom; ghand missieru u qabel ghand l-antenati tieghu. Kien hemm parti li kienet imqabbla u kienet tinhadem. Qatt ma hallsu flus fuq dina l-art.

**Joseph Vella** xehed li l-ghalqa qeghda f'idejn Azzopardi. Missieru kien jahdem dina l-ghalqa anke qabel il-gwerra.

**John Mary Azzopardi** xehed li l-art dejjem kienet f'idejhom. Kienu dahlu f'negozju ta' bejgh ta' dina l-art ma' Alfred Attard. Kien sar konvenju (ara fol. 65) u kuntratt (a fol. 58). Kienu ser ibieghu bicca art ohra u meta nqalghet dina l-kwistjoni waqaf kollox.

**John Azzopardi** li miet fil-mori tal-kawza xehed fuq l-ghalqa maghrufa bhala ta' Grejbel fil-Hamrun fl-inhawi tal-Mile End. Hu qal li din kienet fejn ix-xibka tal-hajt tal-ground u kienet ta' cirka tomna u siegh. Iz-zijiet tieghu kellhom bicca raba' kbira fl-inhawi tal-Mile End imqabbla lilhom. Iz-zijiet kienu cedew l-art kollha mqabbla ghandhom lill tal-Ground barra l-bicca art imsemmija li nghatat liz-zijiet bhala kumpens b'titolu ta' proprjeta' assoluta talli cedew il-parti l-kbira tar-raba biex isir il-ground. Iz-zijiet kienu Grabiel, Giovanni u Francesco. L-art imbaghad giet imqabbla lill Antonio Vella minn Giovanni u wara spiccat ghandhom bi proprjeta'.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Hu risaput fid-dottrina illi azzjoni ta' din ix-xorta tirrikjedi da parti tal-proponent taghha l-prova fis-sens illi l-attur irid jipprova lil hinn minn kull dubbju illi huwa kien il-proprjetarju ta' l-immobbli li kien qieghed jirrivendika. Minn naha tieghu l-konvenut ma kien jehtiglu javanza

l-ebda difiza u ma kien jehtiglu jipprova l-ebda titolu fuq l-art fil-pussess tieghu sakemm l-attur ma jkunx ipprova li hu kien il-proprjetarju. Il-gurisprudenza in materja hi *ormai* kostanti (App Chircop vs Micallef 28/4/2000).

**Titolu ta' l-atturi**

Il-konvenuti eccepew li n-nuqqas ta' titolu ta' l-atturi tal-proprjeta' in kwistjoni. Ghalhekk dina l-prova kellha ssir mill-atturi. Fil-fatt Joseph Busutill xehed li hu kien jamministra xi assi pendenti mill-eredita' ta' Paolo Ellul u fosthom kien hemm l-art maghrufa bhala "Tal-Kubrit". Hu esebixxa l-arblu tar-razza tal-familja ta' Paolo Ellul Dok A a fol. 25; il-provvenjenza ta' l-art minn meta giet trasferita lill Paolo Ellul Dok B a fol. 26; pjanta ta' l-art u kif din tqassmet matul is-snin (Dok C a fol. 27) u *site plan* ta' l-art Dok D a fol. 28. Dawn il-provi ma gewx kontestati.

Minn naha l-ohra Antonio Vella li xehed fil-kawza l-ohra tal-1965 ma setghax jghid min kien il-proprjetarju tal-art minghand min Gabriele Azzopardi kien ha l-art.

**Preskrizzjoni Akkwizzittiva ta' 30 sena.**

Il-konvenuti qed jibbazaw it-titolu taghhom ghall art a bazi tal-preskrizzjoni trentennali a tenur ta' l-artikolu 2143 tal-Kap 16.

L-artikolu 2107 tal-Kodici Civili jipprovvdi li l-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.

L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi (art 2143).

Ghalhekk min jeccepixxi l-preskrizzjoni akkwizittiva ghandu jipprova kategorikament mhux biss il-pussess *animo domini* imma anke illi huwa ppossjeda minghajr interuzzjoni ghaz-zmien kollu ta' 30 sena preskritti mill-ligi. Din il-prova jriedu jaghmluha l-konvenuti.

Ir-rekwiziti biex tirnexxi dina l-azzjoni huma li l-pussess irid ikun wiehed kontinwu, mhux miksur, ghal tletin sena, pacifiku, pubbliku, (univoku) mhux ekwivoku - (cioe' juri bic-car li wiehed qieghed jippossjedi bhala sid).

Illi fil-kaz in ezami hemm dubbju dwar jekk il-partijiet humiex qeghdin jitkellmu fuq l-istess art.

Fil-fatt meta rega' xehed Joseph Busutill (ara fol. 380) hu esebixxa pjanta fejn wera li l-art li semmew il-konvenuti li qed jghidu li akkwistaw bi preskrizzjoni ta' aktar minn tletin sena, u cioe' l-art li hi msemmija fis-sentenza tal-11 ta' Gunju, 1968, mhiex l-istess wahda li l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jizgumbraw minnha. Busutill qal li bejn il-Mile End Sports Ground kompriz il-hajt u x-xibka li semma John Azzopardi, u l-art minnu amministrata hemm bicca art kbira li tisseparahom.

Illi fil-kawza li ghamlu riferenza ghaliha l-konvenuti (li l-atturi ma kienux parti fiha u ma setghux jikkontestaw it-titolu tal-konvenuti) hemm imsemmija min kienu s-sidien ta' art li l-awturi tal-konvenuti kellhom ghandhom bi qbiela. L-art ma tidhirx li kienet l-istess wahda li kien akkwista Paolo Ellul permezz tal-kuntratt tat-2 ta' Dicembru, 1902. Hu wisq improbabbli li wara li akkwista dina l-art Paolo Ellul fil-1902 kien ser ihalli lill haddiehor jehodlu l-art wara tmien snin.

Fil-kawza "Vella vs Aquilina" a fol. 310 saret riferenza ghall-art li kienet tikkonfina ma beni ta' Paolo Ellul f'dawk id-dintorni u dik il-Qorti kienet

ikkonkludiet li l-art ta' Vella ma kelliex x'taqsam ma l-art li Karmnu Cassar kien qed jippretendi li kienet tieghu jew ta' martu.

Inoltre jidher li hemm dubbju dwar kemm il-konvenuti qed jitkellmu fuq l-istess art. Fil-1945 kienet intbaghtet ittra ufficjali Dok C a fol. 39 lill Carmelo Scicluna li kien qed jokkupa l-art li kienet tinkludi l-ghalqa ta' l-atturi minghajr titolu. Dak iz-zmien l-ghalqa ma kienitx okkupata mill-familja Azzopardi imma minn Scicluna.

Lanqas ma gew kjamati l-konvenuti ghal hlas ta' kumpens mid-Dipartiment meta l-Gvern esproprija parti mill-ghalqa "Tal-Kubrit" fil-kontrada tal-Mile End. Il-kuntratt kien sar ma l-atturi u l-konvenuti qatt ma ppretendew xejn fuq dina l-art. Il-Gvern kien ha parti mill-ghalqa fil-1959 u kien sar hlas mill-Kummissarju lill eredi ta' Paolo Ellul u mhux ta' Azzopardi - Dok D a fol. 42.

Fil-1976 l-eredi ta' Paolo Ellul bieghu bicca art ohra minn dina l-ghalqa u sar hlas lilhom u l-att gie insinwat.

Il-konvenuti semmew li huma kienu bieghu terz plot mill-art in kwistjoni biex juru li ma hemm ebda ekwivoku fuq liema art qed jitkellmu. L-atturi pero' fuq dina l-art ma hadux passi biex iwaqqfu lill-konvenuti kif ghamlu fuq iz-zewg konvenji l-ohra li saru fuq l-art li l-atturi jghidu li hija taghhom (ara dok a fol. 395/6) u li l-konvenuti ma segwex bil-kuntratti relattivi.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-art li huma qed jghidu li akkwistaw bi preskrizzjoni akkwizittiva ta' 30 sena hi l-istess art li l-atturi pprovaw li hija taghhom u li hi mertu ta' dina l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni akkwizitiva;

tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw l-ghalqa maghrufa bhala "Tal-Kubrit" fil-kontrada tal-Mile End, Hamrun minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

tikkundannahom jizgumbraw mill-istess ghalqa fi zmien xahar improrogabbli millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**